C/2023/1266

28.11.2023

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11182 — DEPA / GEK TERNA / GENER / FIER)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2023/1266)

1. Fis-17 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— DEPA Commercial S.A. ("DEPA", il-Greċja),

— GEK TERNA S.A. ("GT", il-Greċja),

— GENER 2 SH.P.K ("GEN", l-Albanija),

— Fier Thermoelectric SHA ("FIER", l-Albanija).

DEPA, GT u GENER se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' FIER.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— DEPA hija fornitur ewlieni tal-gass fil-Greċja attiv fil-forniment, il-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut tal-gass naturali, kif ukoll fil-provvista bl-imnut tal-elettriku;

— GT hija attiva fl-oqsma tal-kostruzzjoni, l-infrastruttura, il-produzzjoni tal-enerġija, il-provvista u l-kummerċ ta' enerġija nadifa minn sorsi termali u rinnovabbli, il-provvista u l-kummerċ tal-elettriku, il-konċessjonijiet, il-ġestjoni tal-iskart, it-tħaffir fil-minjieri u l-iżvilupp u l-ġestjoni tal-proprjetà immobbli;

— GEN hija kumpanija attiva fl-oqsma tal-kostruzzjoni, l-infrastruttura, ix-xogħlijiet ċivili, l-enerġija, l-iżvilupp tal-proprjetà immobbli, it-telekomunikazzjonijiet, il-bejgħ bl-imnut u l-konċessjonijiet bi preżenza fis-suq Albaniż u fir-reġjun usa';

— FIER hija s-sid, id-detentur tal-liċenzja, l-iżviluppatur, u l-operatur ta' impjant tal-enerġija termali, u b'mod partikolari ta' Turbina tal-Gass b'Ċiklu Kombinat qrib Fier, l-Albanija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11182 — DEPA / GEK TERNA / GENER / FIER

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË